# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**


***Minuti tal-Laqgħa Numru 46 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 8 ta' Jannar 2014 fil- 5.00 p.m.***

**Presenti**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi (daħal fil-5.28 pm) |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A. Galea (daħal fis-6.01 pm) |
| **Ambaxxtriċi Żgħażugħa** | Michelle Camilleri |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |

**46/01 Talba**

46/01/01 Il-laqgħa bdiet fil-5.17 ta' filgħaxija billi ntqalet it-talba. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Viċi Sindku s-Sur Mark Azzopardi u l-Kunsillier Is-Sur Vincent A. Galea kellhom jaslu ftit tard minħabba xi impenji oħra.

**46/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 45.**

46/02/01 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u ffirmati l-Minuti 45/06. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (SE) iffirmaw il-Minuti 45/06.

46/02/02 Is-Sindku talab lis-SE sabiex tieħu ħsieb li jsir il-*binding* tal-Minuti tas-Sena 2013. Il-Kunsill approva unanimament.

**46/03 Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa Nru. 45**

46/03/01 **Para 45/03/01 : Tender għax-xiri u installazzjoni ta' *lifter***: Is-SE infurmat li għad trid toħroġ is-sejħa bl-informazzjoni li għandha.

46/03/02 **Para 45/03/02: It-Torri tas-Semoforu**: Is-SE infurmat li għad trid temenda l-ftehim ħalli jkun jista' jiġi iffirmat.

46/03/03 **Para 45/03/03:- Ġnien il-Paċi** – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-SE bgħatet iċ-ċertifikazzjoni tal-Perit D Falzon lill-MEPA sabiex jinħareg il-pagament mill-*Urban Improvement Fund* (UIF). Il-MEPA ser tagħmel spezzjoni fuq Ġnien il-Paċi u wara tgħaddi l-pagament dirett lill-Kunsill. Kif il-Kunsill jirċievi l-fondi, is-SE għandha tieħu ħsieb li jitħallas il-Kuntrattur. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill.

46/03/04 **Para 45/03/04**: **Ġnien tal-Ponta**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-SE għadha ma rċevietx l-aħħar kont mingħand il-Perit Grech ħalli tkun tista' tgħaddi il-dokumentazzjoni lill-*Paying Agency*. Il-Kunsill irċieva l-aħħar applikazzjoni u pjanta li ġiet ippreżentata lill-MEPA. Is-SE infurmat li għad trid toħroġ is-sejħa għax-xiri tal-bankijiet u *bins* u

toħrog il-*works order* lil ELC għal *Landscaping Works*. Saret diskussjoni dwar il-pavimentar tal-passaġġ ta' wara l-gnien kif ukoll ta' parti mit-Triq Għaxqet l-Għajn li timxi mal-*Victoria Lines*. Is-SE intalbet titlob kampjun tal-ġebla li tista' tintuża għal dan il-għan mingħand il-kuntrattur.

46/03/05 Il-Viċi Sindku s-Sur Mark Azzopardi daħal fis-sala fil-5.28 pm.

46/03/06 **Para 45/03/06** :- **Triq San Gwann**: Is-SE infurmat li l-ittra lil TM dwar miżuri fi Triq San Ġwann ħdejn it-Torri tas-Semaforu intbagħtet. Hija talbet għall-laqgħa mal-Perit Testaferrata de Noto imma għad ma ngħatatx appuntament. Ser tkompli issegwi.

46/03/07 **Para 45/03/07 :- Fuljett:-** Is-SE nfurmat lill-Kunsill li għadha ma rċevietx l-istima għal 1,400 kopja tal-fuljett.

46/03/08 **Para 45/03/09 :- Talba għal-informazzjoni relatata ma ġita għal-Sqallija** : Ġiet ippreżentata r-risposta li kien irċieva l-Kunsill. Il-Kunsillier Vincent A. Galea ser jgħaddi d-dokumentazzjoni li għandu mingħand l-aġenzija tal-ivvjaġġar sabiex tintbagħat risposta. Il-Kunsill unanimament iħoss li diġa ipprovda l-informazzjoni kollha mitluba kemm lir-resident kif ukoll lid-DLG u iddeċieda li din tkun l-aħħar korrispondenza dwar dan is-suġġett.

46/03/09 **Para 45/03/10 :- Laqgħa mas-CEO tal-Green MT** – Il-Kunsill talab lis-SE sabiex terġa tkellem lis-*CEO* tal-*Green MT*, sabiex jgħaddilna l-pagament ta' €1,000 li suppost ingħata mal-iffirmar tal-kuntratt. Is-SE infurmat li hija kitbet lill-Green MT dwar il-bdil fil-ġranet tal-ġbir tal-iskart separat u qed tistenna li nirċievu l-*flyers* bl-informazzjoni sabiex jitqassmu lir-residenti. Hi għad trid tikteb lill-Wasteserv sabiex jinbidlu l-kontenituri tal-*Bring In Site* kif ukoll tiftiehem ma Euro Clean dwar it-tibdil fil-ġbir tal-iskart imħallat.

46/03/10 **Para 45/03/13 - Triq Indipendenza:** Is-SE infurmat li għad trid tikteb lit-Transport Malta.

46/03/11 **Para 45/03/14 – Euro Clean:-** Is-SE infurmat li għad trid tiċċekkja l-kontijiet tal-kuntrattur.

46/03/12 **Para 45/03/15**:- **Ilmenti dwar *reserved parking bay* li ma għadhomx jintużaw –** Is-SE infurmat li t-TM tat struzzjonijiet sabiex ir-*reserved parking bay* ta' Triq San Bartilmew titneħħa. Il-Kunsill unanimament innota dan.

46/03/13 **Para 45/03/16 - ATM f'Ħal Għargħur.** Is-SE infurmat li għandha tikteb lill-banek dwar dan.

46/03/14 **Para 45/03/17 - Festival tal-Halib 2014** – Is-SE infurmat li għadha ma irċievitx risposta mingħand il-Gvern Ċentrali dwar jekk hux ser jippartecipa fl-organizzazjoni tal-Festival tal-Ħalib. Is-SE intalbet tkompli issegwi.

46/03/15 **Para 45/03/18 – Kuntratti tax-xogħol tal-ħaddiema**:- Is-SE infurmat li għadha qed taħdem fuq dawn il-kuntratti.

46/03/16 **Para 45/05/01 - Ilment 18113030203096:-** Il-Kunsillier Christopher Fenech informa li r-residenta kienet offriet li x-xogħol fuq il-bankina jsir mit-tfal tagħha. Il-Kunsill unanimament qabel ma dan.

46/03/17 **Para 45/05/02 - Ilment 18113048203375**:- Talba sabiex isir infurzar ħalli ma jidħlux vetturi kbar fi Triq Sta Katerina. Is-SE infurmat li se tibgħat *reminder* lill-Gwardjani Lokali u l-Pulizija sabiex jagħmlu aktar sorveljanza.

46/03/18 **Para 45/05/04 - Talba sabiex jinbena mill-ġdid ħajt tas-sejjieħ fi Triq Naxxar**:- Is-SE infurmat li trid tikteb lis-sid tal-għalqa fejn jintalab jagħmel dan ix-xogħol kemm jista' jkun malajr.

46/03/19 **Para 45/05/05 - Ilmenti dwar vilupp fi Triq Santa Katarina**. Is-SE infurmat li talbet lill-MEPA sabiex issir *site inspection*. Is-SE intalbet tkompli issegwi.

46/03/20 **Para 45/06/04 – *Group Health Insurance*:-** Is-SE se tieħu ħsieb tibgħat id-dettalji tal-Kunsilliera u ħaddiema klerikali biex jissieħbu fil-*Group Health Insurance* 2014. Is-Sindku għazel li ma jipparteċipax f'din l-iskema.

46/03/21 Il-Kunsillier Vincent A. Galea daħal fis-sala fis-6.01 pm.

46/03/22 **Para 45/06/05 –** Is-SE infurmat li għad trid tara l-gwidi tal-*Paying Agency* rigward it-tabella meħtieġa għall-Ġnien il-Ponta u tkellem lill-kuntrattur.

## 46/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

46/04/01 Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li fil-kont tal-MITA kien hemm inkluz *charge* għall-email personali tal-gov tal-iskrivana. Ġie approvat li s-SE tikteb lid-DGL sabiex dan jiġi emendat. Ġiet unanimament approvata ukoll l-iskeda tal-ħlasijiet li saru mill-*Petty Cash.*

## 46/05 Ilmenti u Suggerimenti

46/05/01 Il-Viċi Sindku pprezenta talba sabiex jitkompla *line* isfar f'parti dejqa fi Triq Fidel Zarb. Il-Kunsill unanimament qabel ma din it-talba. Hu qal ukoll li resident li għandu garaxx talab li jsir *culvert* quddiem dan il-garaxx peress li meta tagħmel ix-xita joqgħod l-ilma. Il-Kunsill unanimament ma qabilx li jsir il-*culvert* imma qabel li jsir *patching* ħalli tiġi livellata t-triq.

46/05/02 Il-Vici Sindku pprezenta talba sabiex fi Triq id-Dejqa, li hi magħluqa għat-traffiku kollu, titwaħħal bollard ħalli żgur ma jgħaddux karozzi. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din it-talba għaliex kull meta twaħħlu bollards, anke fil-vicinanzi ta' Triq id-Dejqa, dawn dejjem spiċċaw maqlugħa. Hemm it-tabelli li jindikaw li ma jistgħux jidħlu vetturi u għandu jsir rapport lill-Pulizija meta ma jkunx hemm osservanza.

**46/06 Korrispondenza**

Il-Kunsil innota l-Korrispondenza elenkata fil-lista ppreżentata mis-SE fosthom:-

46/06/01 Korrespondenza mid-DGL rigward *Performance Appraisals Reports* għas-sena 2013. Is-Sindku ser jieħu ħsieb jipprepara l-*appraisal report* tas-SE filwaqt li s-SE ser tieħu ħsieb tipprepara l-*appraisal report* taż-żewġ ħaddiema tal-Kunsill.

46/06/02 Korrespondenza mid-DGL rigward Memo 34/2013 - Sejħiet għall-Offerti/Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dwal fit-Toroq.

46/06/03 Korrespondenza mid-DGL rigward l-Allokazzjoni Finanzjarja lill-Kunsill għas-sena 2014. Prattikament din hi simili għal tas-sena li għaddiet bi tnaqqis żgħir.

46/06/04 Korrespondenza mill-MEPA rigward Applikazzjoni PA/05670/07.

46/06/05 Ċirkulari DGL Cirk2/2014 dwar Invit - Programm ta' taħdidiet Edukattivi fuq is-Saħħa mid-Dipartiment għall-Kura Primarja tas-Saħħa. Il-Kunsillier Alfred Muscat ser jikkordina dawn it-taħditiet.

46/06/06 Korrispondenza mill-Ministeru tas-Servizzi Soċjali - *Qormi Local Council Walking Club*. Il-Kunsillier Alfred Muscat flimkien mal-Kunsillier Vincent Galea ser jieħdu hsieb din l-attivita'.

46/06/07 Korrispondenza mid-DGL rigward Memo 1/2014-Għeluq tas-Sena Finanzjarja. Is-SE intalbet issegwi mill-qrib flimkien mal-*Accountant* tal-Kunsill.

46/06/08 Korrispondenza dwar laqgħa mal-Ministru responsabbli mit-Trasport Pubbliku li ser issir fil-22 ta' Jannar 2014. Is-Sindku informa li hu ser jattendi u stieden lill-Kunsilliera sabiex min irid minnhom jattendi ukoll. Hu ser jerġa jinsisti sabiex ir-raħal ikollna rottot simili bħal ma kellna qabel daħal is-servizz tal-Arriva.

46/06/09 Korrispondenza mil-Kap ta' Maria Regina College Primary Għargħur fejn talbet donazzjoni sabiex jinxtraw kotba għall-klassijiet tal-iskola. Il-Kunsill iddeċieda li jikseb direzzjoni mid-DLG qabel jikkunsidra din it-talba.

46/06/10 Korrespondenza mill-Enemalta dwar TD/T/3104/2013-*Trenching Works at tal-Balal Substation Iklin*. Is-SE intalbet tagħmel laqgha mal-Ingineer tal-Enemalta flimkien mal-Kuntrattur peress li dan ix-xogħol ser isir ukoll fi Triq Sta Katerina.

**46/07 Materja Oħra u Mistoqsijiet**

46/07/01 Il-Kunsill unanimament iddecieda li l-Laqgħa tal-Lokalita' issir fit-30 ta' Jannar 2014 fis-Sala tal-Komunita' fil-Kunsill Lokali ta' Hal Għargħur fis-6.30 pm. Is-SE għanda tieħu ħsieb tipprepara r-rapport amministrattiv u d-*draft budget* għas-sena 2014.

46/07/02 Il-Kunsillier Christopher Fenech informa lill-Kunsill li l-ġabra waqt l-attivita' Milied fil-Pjazza kienet ta' €300 u dawn il-flus ser jiġu ppreżentati lis-Sorijiet tal-Creche tat-tfal.

46/07/03 Il-Kunsillier Christopher Fenech issuġġerixxa li s-siġar li nxtraw ghall-Milied u li tqiegħdu fil-pjazza jibqgħu hemm. Il-Kunsill unanimament approva dan is-suġġeriment.

46/07/04 Il-Kunsillier Christopher Fenech informa lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat Żgħazagħ ser itella' attivita' mużikali bis-sehem tad-DJ Alex Grech fit-22 ta' Frar 2014. Din aktarx ser issir fil-Orange Tree Hall. Iżjed dettalji jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

46/07/05 Il-Kunsillier Vincent A. Galea nforma lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat tal-Kultura ser jorganizza ħarġa għall-akkwarju tal-Qawra fit-28 ta' Jannar 2014. Il-ħlas se jkun ta' €11 li jinkludi t-trasport, kafé u xi ħelu. Il-Kunsill unanimament approva din l-attivita'.

46/07/06 Il-Viċi Sindku s-Sur Mark Azzopardi nforma ill-Kunsill li l-mixja għall-Għar ta' San Brincat irnexxiet ħafna u kienet ta' suċċess. Kemm il-kor tal-iskola ta' San Pawl kif ukoll l-*iscouts* intgħoġbu ħafna. Il-Kunsillier Christopher Fenech issuġġerixxa li għall-mixja ta' Għar għal-Milied li jmiss jsir wkoll il-presepju ħaj. Din ġiet approvata unanimament mill-Kunsill.

46/07/07 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Presepju ta' Ġamsija ġie ikklassifikat fit-tieni post fil-kompetizzjoni nazzjonali għall-presepji mekkaniżżati. Il-Kunsill feraħ lit-tim kollhu ta' Ġamsija u qabel li jittellgħa avviz fuq il-*website*.

46/07/08 Is-SE intalbet tixtri IRR ħalli jkun jista' jsir *patching* ta' xi ħofor skont il-bżonn. Il-Kunsill qabel li jigi mizbugħ il-*bus shelter* ta' Triq San Ġwann u jitkompla l-qtuh u l-bexx tal-ħaxix f'diversi toroq.

46/07/09 Is-SE intalbet issegwi lid-DGL sabiex jirrispondu l-ittra li bagħatnilhom f'Ottubru 2013 dwar Triq Fra Duminku Mifsud.

46/07/10 Il-Kunsillier Christopher Fenech staqsa fejn waslu id-diversi sejħiet għall-offerti, fosthom tal-ġbir tal-iskart goff, tal-*live streaming*, tas-servizz ta' Perit u xiri ta' bankijiet u *bins*. Is-SE infurmat li dawn kważi lesti u s-sejħiet ser jinħargu fi żmien qasir. Peress li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart goff ilhu li skada s-SE issuġġerit li tikteb lid-DGL sabiex tara jekk dan jistax jiġi estiż. Hi ser tikteb ukoll sabiex tikseb estenzjoni tal-fondi assenjati mid-DGL dwar il-*live streaming.* Il-Kunsill ħeġġeġ lis-SE sabiex dawn kollha jitlestew fl-iqsar żmien.

**46/08 Aġġornament**

46/08/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7.39 pm wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nħar it-Tlieta 21 ta' Jannar 2014 fil-5.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **21 ta' Jannar 2014** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |